Minuti tal-laqgħa 22 (laqgħa b'urġenza) tas-seba' Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tlieta 4 ta' Novembru, 2014, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-18:30.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Dr. Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sur P. Dalli |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur S. Camilleri<br>Is-Sur R. Deguara 18:45<br>Is-Sur M. Lombardo<br>Is-Sur J. Zammit<br>Is-Sur R. Zammit |
| **Ambaxxatur Vot 16:** | Is-Sur R. Attard |
| **Segretarju:** | Is-Sur C. Cutajar |

Is-Sur R Ellul talab li jkun skużat peress li ma kienx ċert jirnexxilux jilħaq jasal għal-laqgħa minħabba impennji ta' studju, liema talba ġiet milqugħa mill-Kunsill.

Is-Sur C Bonello ma kienx preżenti għal din il-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba.

**1.0** **<u>Tender SA-17-14: Upkeep and Maintenance of Soft Areas</u>**

1.01 Is-Sindku spjega kif il-Kunsillieri rċevew rapport imħejji mis-Segretarju Eżekuttiv. Semma' kif dan it-tender m'huwiex biss għal żamma tajba ta' *Soft Areas* in ġenerali, iżda wkoll marbut ma' fondi li l-Kunsill se jakkwista mill-Miżura 86 tal-Baġit 2014, maħruġ mill-Gvern Ċentrali, bil-għan li jsiru madwar 40 planter tul Triq Żabbar u Triq Hompesch.

1.01.1 Is-Sindku qara rapport imħejji mis-sotto kumitat għall-aġġudikazzjoni tat-tenders.

Is-Sur R. Deguara daħal fil-kamra fis-18:45.

1.01.2 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3911/14/7 "Il-Kunsill Lokali tal-Fgura jadotta l-opinjoni tas-sotto kumitat annessa, filwaqt li jagħżel il-pots mmarkati bi prezz ta' EUR 750 kull pot, immarkat DOK Z1". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sur R Deguara, Sur J Zammit, Sur R Zammit.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3911/14/7 kienet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

Il-laqgħa ntemmet fis-18:50.

Sindku

Segretarju